# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru 8**

**Rikors numru 60/13 AF**

**Ben Ali Wahid Ben Hassine**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali tar-Repubblika**

Dan hu provvediment li qed jinghata wara li din il-Qorti fis-7 ta' Novembru 2016 iddecidiet l-appell fil-kawza fl-ismijiet premessi billi, wara li ddikjarat li s-sentenza tal-Qorti Kriminai fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Moshab Mohsen Ben Brahim u Ben Ali Wahid Ben Hassine** *[l-attur fil-proceduri odjerni]* moghtija fil-21 ta' Frar 1992 hija leziva tad-drittijiet fundamentali tal-attur imharsa bl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, ordnat li sa zmien erba' xhur mid-data ta' dik is-sentenza ta' din il-Qorti

jigi "stabbilit mekkanizmu li jipprovdi ghar-revizjoni u possibbli riduzzjoni tas-sentenza ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomor imposta mill-Qorti Kriminali bis-sentenza fuq imsemmija u li jkun konformi ma' dak prevvist f'din is-sentenza [tal-appell].." u fin-nuqqas li dan isir ordnat li dan l-appell ghandu jkun riappuntabbli fuq talba tal-parti interessata sabiex din il-Qorti tipprovdi ulterjorment jekk ikun il-kaz".

Permess ta' rikors prezentat mill-attur fit-8 ta' Marzu 2017, l-attur informa lil din il-Qorti li, minkejja li kienu ghaddew erba' xhur mid-data tas-sentenza ta' din l-istess Qorti, il-mekkanizmu sabiex jipprovdi ghar-revizjoni u possibbli riduzzjoni tal-piena ta' prigunerija tal-attur ma giex stabbilit. Ghaldaqstant talab sabiex tigi riappuntata l-kawza u jinghata provvediment fir-rigward.

Minn naha tieghu l-Avukat Generai, b'risposta prezentata fl-10 ta' Marzu 2017, oppona ghat-talba tal-attur ghar-riappuntament tal-kawza ghas-segwenti ragunijiet:

[1] li l-process legislattiv sabiex jigi stabbilit il-mekkanizmu ordnat minn din il-Qorti fis-sentenza tas-7 ta' Novembru 2016 inbeda billi gie mhejji abbozz ta' ligi msejjah Att biex jemenda l-Att dwar il-Gustizzja Riparatrici li digà sar l-ewwel qari tieghu fis-seduta parlamentari tas-7 ta' Marzu 2017;

[2] li l-ghan tal-abbozz huwa sabiex jintroduci disposizzjonijiet specjali ghall-ghoti tal-parole lil persuni li qed jiskontaw kundanna ta' ghomor habs u dan bil-ghan li jitwaqqaf il-mekkanizmu ordnat minn din il-Qorti;

[3] li fil-process legislattiv hemm diversi stadji li ma jistghux jigu maqbuza mill-legislatur, izda fil-jiem li gejjin huwa mistenni li jkun hemm it-Tieni Qari tal-abboz, liema qari jigi segwit bl-istadju tal-Kumitat u fl-ahhar nett bit-Tielet Qari u l-pubblikazzjoni tal-Att fuq indikat kif emendat.

B'digriet tal-15 ta' Marzu 2017 din il-Qorti appuntat l-appell.

Fl-udjenza tal-20 ta' Marzu 2017, li ghaliha deher l-attur assistit mid-difensur tieghu u deher ukoll id-difensur ta-Avukat Generali, l-attur ivverbalizza li:

> "sakemm l-abbozz ma jirregolax xort' ohra il-pozizzjoni li tohrog mill-artikolu 10 subartikolu 3 paragrafu d tal-Kap.516, ir-rikorrent xorta ma jkunx jista' jgawdi mill-parole minkejja l-abbozz li gie prezentat, u [ukoll jibqa' l-fatt li abbozz mhux ligi…. Jissottometti ulterjorment li ikun opportun li l-abbozz relevanti jipprovdi li meta l-Qorti Kriminali fis-sentenza taghha tkun irrakkomandat kemm perijodu ta' prigunerija ghandu jiskonta effettivament il-persuna ikkundannata l-ewwel revizjoni tas-sentenza ghandha ssir mal-eghluq ta' dak il-perijodu".

Fl-udjenza sussegwenti tat-3 ta' April 2017, b'referenza ghan-nota prezentata mill-Avukat Generali fis-27 ta' Marzu 2017 li permezz taghha

l-istess Avukat Generali ta dettalji dwar l-istadju fil-process legislattiv tal-abbozz, l-attur ivverbalizza l-ilment tieghu li fin-nota ma tirrizultax id-data ta' meta l-abboz ser isir ligi.

B'nota tal-osservazzjonijiet prezentata fis-17 ta' April 2007 l-Avukat Generali, wara li spjega li l-process legislattiv jinkludi diversi stadji li ma jistghux jinqabzu u li certament l-istadju tal-abbozz u d-diskussjonijiet fil-Parlament ma jistghux jinqabzu, jissottometti li "in ottemperanza mas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti, l-abbozz jahseb ghal mekkanizmu li jipprovdi ghar-revizjoni u possibbli riduzzjoni tas-sentenza ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomor imposta mill-Qorti Kriminali".

L-Avukat Generali jkompli jissottometti li fl-abbozz hemm disposizzjoni specjali ghall-ghoti ta' parole lil persuni li qed jiskontaw kundanna ghal ghomorhom il-habs li tikkreja mekkanizmu li permezz tieghu tali persuni jistghu jibbenefikaw mill-parole, "liema possibbilità tkun qed tahseb kemm ghar-rilaxx kif ukoll ghar-revizjoni li ghaliha taghmel is-sentenza ta' din .. il-Qorti". Jaghmel referenza ghall-Artikolu 43A tal-abbozz, li jipprovdi li persuni li digà skontaw 30 sena mill-piena taghhom ikunu eligibbli ghal parole b'effett immedjat u fil-kaz li l-applikazzjoni ghall-parole ma tintlaqax ikun hemm possibbilità ta' revizjoni wara perijodu ulterjuri ta' hames snin. Jghid ukoll li l-abbozz jahseb ghal pjan ta' kura ta' tali persuni u li d-decizjoni fuq l-applikazzjoni taghhom tista' tittiehed

fi zmien ta' mhux aktar minn sena mid-dhul fis-sehh tal-emendi kontenuti fl-istess abbozz.

Jissottometti wkoll li, ghalkemm fil-kaz **Vinterns and Others v. The United Kingdom**, li saret referenza ghalih fis-sentenza ta' din il-Qorti, il-Qorti Ewropea esprimiet il-fehma taghha li l-perijodu li fl-gheluq tieghu ghandha ssir ir-revizjoni tal-piena ghandu jkun ta' 25 sena mid-data li fiha kienet inghatat is-sentenza ta' prigunerija, l-istess Qorti Ewropea ghamlitha cara li ma kenitx qed timponi tali perijodu fuq ir-Renju Unit, u dan sabiex jigu rispettati l-margini ta' apprezzament li jgawdu minnhom l-Istati Membri.

Jissenjala li, fil-kaz de quo, din il-Qorti ma pprefiggitx terminu li fih ghandha ssir ir-revizjoni tas-sentenza ta' prigunerija li qed jiskonta l-attur, izda halliet f'idejn il-legislatur sabiex jipprefiggi terminu li jikkonsidra gustifikat tenut kont li fil-kontest lokali sentenzi ta' ghamor habs jinghataw biss f'kazijiet ta' reati li jkunu hasdu lis-socjetà in generali. Jissenjala wkoll li l-attur kien instab hati ta' omicidji ta' 4 persuni, li sehhew f'perijodu qasir ta' 18-il gurnata u li gew perpetrati b'krudelta liema bhala u li tant holqu paniku fil-pubbliku li l-pubbliku kien qieghed jibza' johrog minn daru sabiex ikompli bil-hajja tieghu ta' kuljum. Imbaghad ikompli jispjega d-dettalji tal-kaz bl-ghan li juri l-gravita u l-

hruxija li bihom l-attur wettaq ir-reati li taghhom kien instab hati fuq ammissjoni tieghu.

Jissenjala wkoll dak li qalet il-Qorti Kriminali fis-sentenza taghha tal-21 ta' Frar 1992 fejn osservat li r-reati kommessi "huma reati tal-oghla serjeta u ghalihom il-ligi taghna tipprospetta piena serja".

Din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Illi fil-kaz odjern din il-Qorti tosserva li huwa pacifiku li r-reati kommessi mill-attur, flimkien ma' persuna ohra, huma ta' gravita qawwija u gew kommessi b'certu krudeltà tant li l-Qorti Kriminali li semghet it-trattazzjonijiet dwar il-piena u li eventwalment imponiet il-piena ta' ghomor prigunerija fuq l-attur.

Illi kif diga deciz minn din il-Qorti ma jezistix fis-sistema guridiku taghna mekkanizmu sabiex "jipprovdi ghar revizjoni u possibbli riduzzjoni" tas-sentenza ta' ghomor habs[1] imposta mill-Qorti Kriminali. Inoltre, jigi osservat li lanqas l-abbozz indikat mill-Avukat Generali, li jipprovdi ghal emendi fl-Att dwar il-Gustizzja Riparatrici, ma jissodisfa l-kriterju ta' revizjoni tal-piena bil-possibbli riduzzjoni, ghax dak l-att u l-emendi prospettati jindirizzaw il-possibbilità li tinghata lil dawk li qeghdin il-habs

[1] L-artikolu 22 li jipprovdi ghal tnaqqis minn sentenzi, wara revizjoni da parti tal-**Bord ghat-Tnaqqis mis-Sentenzi** imwaqqaf bis-sahha tal-artikolu 20, ma japplikax ghal min qed jiskonta piena ta' ghomor prigunerija [ara subinciz 2]

il-*parole*[2], jigifieri li jigu rilaxxjati mill-habs taht certu kondizzjonijiet stabbiliti, filwaqt li dak li ghandu jigi indirizzat huwa mekkanizmu li jiddeciedi dwar jekk hux il-kaz li jkun hemm <u>riduzzjoni</u> fil-piena – haga li l-*Bord tal-Parole* m'ghandux is-setgha li jaghmel taht l-imsemmi Att anke wara li jigi emendat.

Ghaldaqstant, tenut kont li l-attur digà skonta 25 sena mill-piena imposta fuqu ta' ghomor prigunerija, din il-Qorti, bil-ghan li ma tibqax tissussisti vjolazzjoni tal-Artikolu 36[1] tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea, tordna li fi zmien xahar mil-lum l-attur jitressaq quddiem il-Bord tal-Parole kif illum kompost u mwaqqaf bl-Artikolu 8 tal-att dwar il-Gustizzja Riparatrici (Kap. 516 tal-Ligijiet ta' Malta) li bis-sahha ta' din is-sentenza jkollu:

1. Is-setgha li jisma' bil-gurament, somministrat mic-Chairperson, lill-istess attur u dawk il-provi l-ohra li jidhirlu opportuni, fosthom billi jisma' lill-familjari tal-vittmi.

2. Jiddetermina jekk sehhewx bidliet sinjifikanti tali fl-attur u sehhx progress tali lejn ir-rijabilitazzjoni li jrenduh mhux aktar ta' perikolu ghal individwi ohra u ghas-socjetà in generali.

---

[2] Art.2*"parole" tfisser l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Bord tal-Parole lil priġunier li jkun qed jiskonta kundanna waħda jew iktar ta' priġunerija biex joħroġ fuq il-parole, matul parti miż-żmien talpriġunerija fid-data ta' eliġibilità għall-parole taħt is-superviżjoni tal-uffiċjal tal-parole u soġġett għall-kondizzjonijiet tal-parole kifjistgħu jiġu speċifikati fil-liċenza tal-parole;"*

3. Jiddetermina fid-dawl tar-rizultanzi u l-evalwazzjoni taghhom jekk id-detenzjoni ulterjuri tal-attur hijiex aktar gustifikata.

4. Ghalhekk, b'decizjoni motivata li tkun komunikata lill-attur, lill-Avukat Generali u lid-Direttur tas-Servizzi Korrettivi, il-Bord jghid l-attur ghandux jinheles inkondizzjonatament jew, jekk le, f'kemm zmien ghandha ssir konsiderazzjoni mill-gdid fit-termini hawn delineati tal-piena imposta fuq l-attur.

L-ispejjez ta' dan l-episodju ghandhom ikunu a kariku tal-Avukat Generali.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallefà |

Deputat Registratur
mb